**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 617/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Carlo Brincat**

**Illum, 17 ta' Jannar 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Carlo Brincat**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 271687M;

Akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, fit-13 ta' Mejju 2006, ircevejt jew accettajt xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalik innifsek jew ghal haddiehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi l-ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Kif ukoll fl-istess perjodu u cirkostanzi, weghedt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna li tasserixxi jew tikkonferma li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sabiex iggieghel lil dawn l-ezaminaturi tas-sewqan jesercitaw dik l-influwenza.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat b'zewg akkuzi u cioè:

*"F'dawn il-gzejjer, fit-13 ta' Mejju 2006, ircevejt jew accettajt xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalik innifsek jew ghal haddiehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi l-ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).*

*Kif ukoll fl-istess perjodu u cirkostanzi, weghedt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna li*

*tasserixxi jew tikkonferma li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sabiex iggieghel lil dawn l-ezaminaturi tas-sewqan jesercitaw dik l-influwenza."*

Illi, wara li fliet bir-reqqa l-process odjern, il-Qorti ssib li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni l-ewwel akkuza ma tirrizultax stante illi din tirreferi ghall-akkuzat innifsu li rcieva jew accetta xi offerta ghalih innifsu jew ghal haddiehor. Il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni jirreferu ghall-allegazzjoni li l-akkuzat hallas lil haddiehor u mhux ircieva jew accetta ghalih innifsu jew ghal haddiehor.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li din l-akkuza ma tirrizultax. Konsegwentament il-Qorti qeghda tillibera lill-akkuzat minn din l-ewwel akkuza.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza tirreferi ghall-akkuzat nnifsu li allegatament wieghed, ta jew offra lil haddiehor xi hlas u dan biex allegatament jghaddi mill-ezami tal-licenzja tas-sewqan.

Illi f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda.

L-Ispettur Angelo Gafà li nvestiga l-kaz, a folio 10 et sequitur tal-process. Fix-xhieda tieghu l-Ispettur ghamel referenza kontinwa ghall-istqarrija li saret mill-imputat. Illi din l-istqarrija giet sfilzata permezz tad-digriet tal-Qorti tal-20 t' April 2016 ghar-ragunijiet moghtija fl-imsemmi digriet u fil-qosor senjatament minhabba li l-akkuzat ma giex moghti d-dritt tal-assistenza ta' Avukat qabel ghamel tali stqarrija.

Illi in kontro-ezami l-Ispettur ikkonferma li "l-examiner li huwa Pace, cahad ... Iva. naqblu u xhedtha fil-fatt." Ikompli jixhed illi:

“allegatament ghaddew flus mill-imputat ghand min kien qed jghallmu jsuq”.

Ix-xhud PC Norbert Said, a folio 18 et sequitur tal-process, xehed li huwa kien xhud tal-istqarrija.

Ix-xhud Christopher Darmanin, a folio 23 et sequitur tal-process, bhala rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet esebixxa ‘driving test report’ tal-akkuzat a folio 25 tal-process li juri li l-akkuzat ghadda mit-test.

Ix-xhud Stephen Mallia, a folio 26 et sequitur tal-process, jghid li kien l-‘instructor’ tal-akkuzat, jghid li jaf li l-akkuzat kien ghaddielu xi flus li hu ghadda lil Salvu Abela, l-proprjetarju ta’ Swallow Motoring School. Jghid li ma jafx kemm ghaddielu flus u ma jafx jekk Abela ghaddihomx lill-ezaminatur. Fix-xhieda tieghu, a folio 32, fejn fost ohrajn mistoqsi mill-Qorti: “Taf imma zgur?” jirrispondi: “Ma nistax nahlef lanqas fuqi nnifsi.”. Illi fil-kamp Kriminali fejn il-prova ghandu tkun wahda li ma thallih dubju ragonevoli tali xhieda ma tantx tista’ tkun ta’ komfort ghall-Prosekuzzjoni.

Ix-xhud Saviour Abela, a folio 36 et sequitur tal-process, ghalkemm jikkonferma li gieli rcieva xi flus li kien jghaddihomlu Stephen Mallia, senjatament a folio 41 tal-process, ma kkonfermax li kien rcieva flus minn ghand jew ghan-nom tal-akkuzat.

Illi, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-allegat hlas filfatt sar fil-jum tat-13 ta’ Mejju 2006, skont l-istess akkuza.

Illi d-Difiza ressqet bhala provi s-sentenzi li gew moghtija fil-konfront ta’ Stephen Mallia  u ressqet ukoll bhala xhud lill-ezaminatur Ian Pace. L-istess xhud, fix-xhieda tieghu a folio 103 et sequitur tal-process,

jichad kategorikament illi huwa qatt rcieva flus wisq anqas li rcieva xi flus minn ghand l-akkuzat.

Illi fil-fehma tal-Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija, l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma humiex konklussivi sabiex tinsab htija fl-akkuzat fir-rigward tat-tieni akkuza.

Illi kif inhu ben saput fil-kamp Kriminali l-oneru tal-prova huwa fuq il-Prosekuzzjoni, u tali prova ghandha tkun wahda li ma thalli l-ebda ragonevoli dubju li l-akkuzat huwa hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi fil-kawza in ezami l-provi mressqa aktar jimmilitaw favur in-nuqqas ta' htija tal-imputat. Konsegwentament il-Qorti ma tistax issib htija fl-akkuzat fil-konfront ta' din it-tieni akkuza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur